MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

**NOTIFIKA LILL-PUBBLIKU ĠENERALI**

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("**MFSA**") hija responsabbli għar-regolazzjoni u għas-sorveljanza tas-servizzi finanzjarji offruti u/jew provduti f'Malta jew minn Malta.

L-MFSA reċentement ġiet konxja ta' żieda fin-numru ta' websajts li joffru servizzi ta' valuta esterna (Forex jew FX) jew li jippruvaw jattiraw kummerċ mingħajr ma' jkunu liċenzjati jew awtorizzati. Numru ta' websajts bħal dawn jgħidu li għandhom uffiċini f'Malta u/jew falzament jgħidu illi huma reġistrati mal-MFSA u/jew awtorizzati, liċenzjati jew regolati mill-MFSA.

L-MFSA tixtieq tiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku biex joqgħodu attenti u biex ma jagħmlux transazzjonijiet finanzjarji jew xi tip ta' kummerċ ma' websajt illi joffri valuta esterna sakemm ma jkunux aċċertaw infushom li l-entità li magħha qed isir it-transazzjoni hi liċenzjata jew hi awtorizzata mill-MFSA jew minn xi regolatur ieħor tas-servizzi finanzjarji ta' reputazzjoni tajba biex tipprovdi tali servizzi.

Lista ta' entitajiet liċenzjati u awtorizati mill-MFSA hija disponibbli mingħand L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, b'aċċess minn: www.mfsa.com.mt.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**Twissija MFSA: 05-2014**
**3 ta' April 2014**